BIRŻEBBUĠA

"Dar Birzebbuga" Triq Santa Marija - Birzebbuga Tel : 21650165 Fax :21650444

*Motto*: **PACI U SAHHA LIL KULHADD**

**Minuti tal-laqgħa numru 07/12 tal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill nhar il-Erbgħa, 9 ta' Mejju 2012 fil-5.30pm**

| *Prezenti* | *Membri* |
|---|---|
| **Sindku** | **Is-Sur Joseph Farrugia** |
| **Kunsillieri** | **Is-Sur Joseph Baldacchino**<br>**Is-Sur Kevin Barun**<br>**Is-Sur Carmelo Cachia**<br>**Is-Sur Charles Muscat**<br>**Mrs Bernardette Pace**<br>**Is-Sur Stanley Zammit** |
| **Segretarju Eżk.** | **Maria Galea** |
| **Skuzati** | - |

## AĠENDA -1

Il-Minuti tas-Seduti Nru. 05/12 u 06/12 tqassmu minn qabel u ġew meħuda bħala moqrija. Wara korrezzjoni f'Aġenda 5 Punt 5 J.Baldacchino ppropona u B.Pace u C.Cachia ssekondaw mozzjoni biex il-Minuti jkunu jistgħu jiġu ffirmati kif ippreżentati mis-Sindku u s-Segretarju Eżk. bħala dokument korrett. Kulħadd qabel.

## AĠENDA -2

*01/05 -* Tressqet talba sabiex bejn Ġunju u Settembru fil-*weekends* u f'festi pubbliċi jintrama *Bouncy Castle* fil-Bajja s-Sabiħa. Wara diskussjoni J.Baldacchino ppropona u K.Barun u C.Muscat issekondawh sabiex dan il-*bouncy castle* jkun jista' jintrama fil-Bajja s-Sabiħa quddiem il-każin laburista fil-ġranet mitluba bil-kundizzjoni li jekk tindaqq mużika tinżamm prudenti u ma teċċedix il-11.00pm, jiġu provduti *bins* minn naħa tal-applikant u l-applikant ikun responsabbli mit-tindif tas-sit.

*02/05 -* Tressqet talba sabiex mill-1 ta' Ġunju sat-30 ta' Settembru 2012 jintrama *track* għal *quad bikes* fil-Bajja s-Sabiħa. Wara diskussjoni fejn ittieħdu inkonsiderazzjoni l-ilmenti li saru mir-residenti, il-ħsara li saret lir-ramla, *noise pollution* u l-emissjonijiet tas-snin preċedenti, il-Kamra unanimament ma laqatx din it-talba.

*03/05 -* Resident qed jagħmel talba ta' €55 għal ħsara li għamel fil-vettura tiegħu wara li allegatament faqa' it-*tyre* f'Misraħ il-Knisja għaliex kien hemm ħofra. Ġie nnotat li r-rapport tal-pulizija ma sarx fuq il-post, ukoll ittieħdet inkonsiderazzjoni li ma sar l-ebda rapport mir-residenti li fit-triq in kwistjoni kien hemm xi ħofra kbira, aktar u aktar meta tqis li din hi triq tintuża l-ħin kollu. J.Baldacchino informa l-Kamra li meta mar fuq il-post ra li l-ħofra ma kienetx kbira.

Għaldaqstant il-Kamra ma laqatx din it-talba għall-ħlas u fl-20 ta' April ġiet imsewwija t-toqba f'Misraħ il-Knisja.

*04/05 -* Il-Kumitat Eżekuttiv tas-Soċjeta' Filarmonika San Pietru Banda Birżebbuġa A.D.1990 qiegħed jistieden lill-membri tal-Kunsill Lokali għal-laqgħa kordjali ġewwa s-sede' tas-Soċjeta'. Il-Kamra laqgħet din l-istedina u għandha tiġi miftehma data bejn iż-żewġ segretarji.

*05/05 -* Is-Segretarju Eżekuttiv ġiet mitluba taqra din il-korrispondenza. Il-Kumitat ta' Birżebbuġa Windmill F.C. qed jitolbu lill-Kunsill Lokali sabiex jagħtu l-importanza xierqa sabiex jitranġa l-grawnd tal-futbol. Fl-istat li jinsab bħalissa ma jistgħux jużawh għat-taħriġ u għaldaqstant qed jitolbu sabiex ix-xogħol jitlesta sa l-ewwel ġimgħa ta' Awwissu jew jiġi pprovdut lilhom post alternattiv għat-taħriġ. Jekk dan ma jsirx in-*nursery* mhux ser tibda t-taħriġ ta' staġun ieħor. Is-Sindku wera d-diżappunt tiegħu fuq din l-ittra u fakkar lill-Kamra kif il-Kunsill dejjem għen lil Windmills kull meta dawn talbu li jsir xogħol ta' manutenzjoni fuq il-grawnd. Il-Kunsill Lokali għandu applikazzjoni għaddejja l-MEPA sabiex jitranġa l-grawnd inkwistjoni . Ukoll hemm flus għal dan il-proġett li l-Kunsill ħa taħt l-iskema tal-U.I.F. S.Zammit saħaq li hemm bżonn li meta ssir applikazzjoni ssir tajba u bl-aktar dettal possibbli mill-ewwel sabiex jiġi evitat li l-MEPA toqgħod titlob dejjem aktar dettalji. K.Barun informa l-Kamra li l-ġimgħa d-dieħla ser ikun hemm laqgħa mal-Perit fuq din l-applikazzjoni sabiex tinstab soluzzjoni. J.Baldacchino rrimarka li l-*fence* tal-grawnd tneħħa minħabba rapporti kontinwi li l-Kunsill kellu mill-Kumitat u l-ġenituri. Ukoll informa l-Kamra li meta sar il-grawnd dan għadda f'idejn is-St.Peter's, wara għadda f'idejn il-Windmills. Dawn tal-aħħar dejjem utilizzawh u kellhom l-aċċess preferenzjali. C.Cachia staqsa għaliex il-Kumitat qiegħed iwaħħal fil-Kunsill Lokali meta jafu li l-Kunsill dejjem ħadem sabiex ikun hawn grawnd għat-tfal tal-lokal. Ukoll issuġġerixxa li tinkiteb ittra lil M.F.A. sabiex jekk il-grawnd ma jkunx lest fil-ħin minħabba l-proċess tal-MEPA toffri għajnuna alternattiva l-M.F.A. lill-Għaqda. C.Muscat saħaq li fil-futur meta jingħata grawnd lil xi għaqda, għandu jsir forma ta' kuntratt sabiex l-għaqda tieħu ħsieb li l-grawnd li għadda f'idejha jrid jinżamm fi stat tajjeb a spejjeż tal-għaqda. S.Zammit irrimarka li l-għaqda diġa qed tingħata forma ta' għajnuna billi jintuża l-grawnd li hemm fl-iskola primarja bi prezz issussidjat. Id-diskussjoni għalqet billi l-Kamra unanimament qablet li ċertu diskors fl-ittra hu esaġerat u b'sens ta' theddida li m'huwiex aċċettabbli. Għandha tinkiteb ittra lil M.F.A. sabiex toffri l-għajnuna neċessarja lil Windmills kif ukoll il-Kunsill għandu jara li l-applikazzjoni tal-MEPA tibqa' miexja bla ntoppi sabiex ix-xogħol ta' manutenzjoni jitlesta mill-aktar fis.

***AĠENDA -3***

Tressaq fuq il-mejda r-rapport finanzjarju ta' l-ewwel kwart tas-sena minn Jannar sa Marzu 2012. Minħabba li dan kien l-ewwel rapport simili għall-Kunsilliera ġodda r-rapport ġie spjegat mis-Segretarju Eżekuttiv punt punt. Wara diversi mistoqsijiet tal-Kunsilliera dan ir-rapport ġie approvat mill-Kamra.

***AĠENDA -4***

Tressqu l-pagamenti għax-xahar ta' Mejju 2012. Peress li ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni jew amendi ġiet approvata biex is-somma ta' €27614.58 titħallas skont Skeda Nru. 05/12.

***AĠENDA -5***

1. Is-Sindku, is-Sur J.Farrugia informa l-Kamra li:

- l-mutur li naqtgħu l-ħaxix bih li ilhu jintuża 18-il sena qed ikollu ħafna ħsara. Hemm bżonn li tinħareġ kwotazzjoni ħalli jinxtara wieħed ġdid. Kulħadd qabel.

- hemm bżonn li jsir ilqugħ ħdejn il-Kappella ta' Triq iż-Żurrieq minħabba li l-bankina f'din il-parti tat-triq hi baxxa u li qed tkun ta' periklu għan-nies li jużawha minħabba li l-karozzi faċilment jitilgħu fuqha. J.Baldacchino ssuġġerixxa li jistgħu jsiru *u-shape barriers* f'tarf il-bankina. C.Muscat ġibed l-attenzjoni li f'din il-parti hemm il-garaxxijiet u noqogħdu attenti li ma

ngħalquhomx. Il-Kamra qablet li għandna naraw x'jista' jsir mal-Perit ħalli jiġi evitat periklu bla bżonn.

2. Il-Viċi-Sindku, is-Sur K.Barun :

- ta rapport qasir fir-rigward tal-laqgħa li kellu mal-Malta Volleyball Association. Dawn qed jippjanaw li jagħmlu *international tournament* fil-Bajja s-Sabiħa kif kien miftiehem mal-Kunsill Lokali preċedenti. Huma talbu sabiex isir *sifting* tar-ramel qabel it-*tournament.* Is-Segretarju Eżk. informat lill-Kamra li diġa saret talba għas-*sifting* lil *Cleansing Directorate*.

- ressaq talba li għamlulu r-residenti, dik li ssir kolonna u salib f'Misraħ Profs. Pietru Pawl Saydon, Bengħisa. Il-Kamra qablet li qabel tiddiskuti din it-talba għandha tinġieb fuq il-mejda aktar informazzjoni dwar l-iskop ta' dan il-monument.

- qajjem il-punt fir-rigward tat-talba lil Transport Malta sabiex Triq ir-Raddiena issir *one way.* Is-Sindku nforma l-Kamra li żmien ilu l-Kunsill kien għamel talba għal din il-*one-way* lil Transport Malta pero' minħabba ħarruba li hemm fi Triq ir-Raddiena kantuniera ma' Triq Tal-Ġebel din it-talba ma ġietx milqugħa għax it-triq ma tistax titwessa'.

- talab li għas-Seduta li jmiss tiġi diskussa il-BBQ *area* li hi rregolata *b'Bye-law.*

3. Il-Kunsillier, is-Sur J.Baldacchino :

- issuġġerixxa sabiex mal-*u-shaped barriers* jibdew isiru pjanċi mwaħħla man-nofs sabiex il-Kunsill ikun jista' ibiegħhom għar-reklami kif ukoll jitnaqqas il-periklu għax jiġi evitat li tfal jgħaddu minn taħthom għal ġot-triq. Is-Segretarju Eżekuttiv informat lill-Kamra li hemm bżonn issir *bye-law* għall-attivita' simili. Kulħadd qabel.

4. Il-Kunsillier, is-Sur C.Cachia :

- ta rapport lill-Kamra fir-rigward tal-*Environmental Wardens* li kienu assenjati Birżebbuġa bejn l-4 ta' Mejju u s-6 ta' Mejju. Dawn kellmu lil kulmin ħareġ l-iskart meta mhux suppost kif ukoll taw xi multi. Issuġġerixxa li dawn l-*Environmental Wardens* jibdew jiġu assenjati Birżebbuġa skont il-bżonn. Kulħadd qabel.

- ta rapport fuq laqgħa li kellu mal-*Harbour Master* fejn dan wera li jixtieq jikkopera mal-Kunsill u ser jara kif il-miżuri ta' sigurta' fil-Bajja ser jibdew jintużaw għal ġid ta' kulħadd.

- ġibed l-attenzjoni tal-Kamra li hemm bżonn jiġu mġedda l-kuntratti tal-ġbir tal-iskart riċiklat. Il-Kunsill bħalissa għaddej b'taħditiet sabiex jinbeda programm ta' ġbir ta' skart riċiklabbli mas-settur kummerċjali kif ukoll kampanja edukattiva bieb, bieb. Kulħadd qabel.

- ressaq proposta li hemm bżonn isiru *bins* fil-pjazza tal-knisja. J.Baldacchino ssekondah.

5. Il-Kunsillier, is-Sur S.Zammit :

- informa l-Kamra li tlestew il-*parking basis* ta' Triq il-Port Ħieles ħdejn il-mużew tas-subien, fadal biss isiru 2 *reserved parkings* li għad irridu napplikaw għalihom lil Transport Malta. Hawn irringrazzja lill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill tas-servizz effiċjenti.

- talab sabiex il-ħaddiema ta' barra jiġu fornuti b'*sunblock* u sidrija *florescent* minħabba *safety*. Kulħadd qabel.

- talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex tiċċekkja jekk fix-xhur tas-sajf il-ħaddiema jkunux jistgħu jaħdmu filgħaxija.

- informa lill-Kunsillieri li ser tibda topera rotta 85 li tgħaddi mill-Qajjenza. F'dan l-istadju Transport Malta mhux ser tieħu s-suġġerimenti tal-Kunsill ta' minn fejn għandha tgħaddi r-rotta sabiex għall-ewwel issir analiżi tas-sitwazzjoni.

- innotifika l-Kamra li Transport Malta qed titlob is-suġġerimenti tal-Kunsill Lokali fir-rigward ta' Misraħ is-Summit. C.Cachia rrimarka li l-kamra tad-*dispatcher* f'Misraħ is-Summit tinstab fi stat ħażin ħafna u mitluqa. Is-Sindku informa l-Kamra li qiegħed jerġa' jkun hawn ħafna lmenti fuq is-servizz tal-Arriva.

- irrimarka li hemm bżonn qtugħ ta' ħaxix fi Triq Bengħisa.

- talab li fl-Aġenda li jmiss jiġi diskuss *traffic calming measures*.

- issuġġerixxa li jintgħażel Kunsillier sabiex jibda jikteb għan-nom tal-Kunsill hu fil-paġna ta' *facebook* sabiex il-Kunsill Lokali jkun konsistenti fit-tweġibiet tiegħu. J.Baldacchino rrimarka li ħadd daqs is-Segretarju Eżekuttiv ma jkun jaf informazzjoni fuq il-Kunsill fl-oqsma kollha u għaldaqstant l-amministratur tal-paġna għandha tibqa' hi. S.Zammit irrimarka li fir-rigward ta' *Public Relations* għandna nużaw in-*noticeboards* aħjar.

6. Il-Kunsilliera, Ms. B.Pace :

- ressqet talba sabiex nitolbu lil Maltapost plc. għal *letterbox* fi Triq San Filippu kantuniera ma' Triq il-Kummerċ.

- talbet biex naraw li jsir *stage* fir-rotta ta' numru 82 bejn Triq il-Port Ħieles u Triq San Patrizju.

- informat lill-Kamra li l-ktieb li ngħata lill-iskola ser jintuża bħala rigal għall-kompetizzjoni li ser issir bejn it-tfal.

- informat lill-Kamra li l-mixja kulturali li ġiet organizzata kienet suċċess u żaru ħafna postijiet interessanti. Hemm bżonn li f'dawn il-postijiet ta' interess titwaħħal tabella ta' informazzjoni sabiex kulmin iżurhom ikun jaf l-istorja tagħhom.

- informat lill-Kamra li fl-25, 26 u 27 ta' Mejju ser ikun hawn l-ewwel wirja fis-Sala tal-Komunita'.

- irrimarkat li Misraħ Ħamilkar Barka għandha titranġa sabiex nakkomodaw aktar parkeġġ.

- informat lill-Kamra li bħalissa qed jiġi fformat sotto-kumitat għall-attivita' 'Inġeddu Tfulitna'.

7. Il-Kunsillier, is-Sur C.Muscat :

- irrimarka li hemm bżonn issir pressjoni fuq il-bejjiegħa tal-monti sabiex dawn ma jħallux skart warajhom.

- ġibed l-attenzjoni tal-Kamra li hemm bżonn li ssir *zebra crossing* fi Triq San Ġorġ għal dawk in-nies li jiġu mill-Qajjenza lejn iċ-ċentru ta' Birżebbuġa kif ukoll naraw x'jista' jsir in-naħa ta' Triq Birżebbuġa kantuniera ma' Triq Żarenu Dalli sabiex jaqsmu n-nies meta din il-parti tat-triq tkun merqa bl-ilma.

- irrimarka li hemm bżonn li jsir *refreshing* ta' marki tat-toroq fl-*area* ta' San Ġorġ minħabba li minn Triq Birżebbuġa fid-direzzjoni lejn Triq Għar Dalam ħafna jibqgħu ħerġin u jinjoraw lil min ikun idur mar-*roundabout.*

8. Is-Segretarju Eżekuttiv informat lill-Kamra li :

- ser isiru *juice promotions* matul is-sajf fil-Bajja s-Sabiħa.

- hemm bżonn jinħatar rappreżentant tal-Kunsill għal GAL Xlokk. Is-Sindku nforma l-Kamra li l-ex-Kunsillier, T.Roberts, xtaq jibqa' hu jirrappreżenta l-Kunsill fi ħdan il-GAL Xlokk pero' l-Kamra qablet li r-rappreżentant għandu jkun minn fost il-Kunsillieri. J.Baldacchino offra li jkun hu li jirrappreżenta l-Kunsill u s-Sindku ssekondah. Kulħadd qabel.

- il-Ministru l-Onor. Carmelo Mifsud Bonnici ser jiġi jżurna l-uffiċċju tal-Kunsill Lokali nhar il-Ħamis, 17 ta' Mejju 2012 fl-4.30pm.

- il-fuljett tal-Kunsill Lokali ġie jiswa' €770.

***<u>Għeluq</u>***

Is-Seduta ġiet iddikjarata magħluqa fid-9.00pm. Seduta oħra ser issir nhar il-Erbgħa, 6 ta' Ġunju 2012 fil-5.30pm.

.

| | |
|---|---|
| ......................................... | ............................................... |
| **Joseph Farrugia** | **Maria Galea** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżk.** |